# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 252/2013**

Il-Pulizija

vs

**Rahuma Mabruk**

iben Saleh , fil-25 ta’ Ottubru, 1971, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 344610(L)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Rahuma Mabruk quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-19 ta' Novembru, 2011 gewwa Al Pacino Take Away, Triq Wilga, Paceville, jew hu jew impjegati tieghu u/jew xi persuna ohra li kienet qed jagixxi f'ismu, offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998) u l-artikoli 51 u 77 (0) u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51 u 77(0) kif ukoll il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant Rahuma Mabruk pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-ewwel Onorabbli Qorti ngibditilha l-attenzjoni ghall-fatt illi l-isem tal-persuna illi ghamel id-dikjarazzjoni m'huwiex identiku ma' tal-imputat. Dak l-isem huwa ta' AHUMA Mabruk u mhux dak tal-imputat li tressaq. Il-persuna li tiffirma l-applikazzjoni u tkun responsabbli, certament irid ikun hemm stabbilita l-identita' taghha. Id-dokument fih innifsu fih diskrepanza u ghalhekk ma jistax jisservi bhala dokument ta' prova. Dan barra li kopja ta' dokument ghandha tigi awtentikata. Il-Qorti, fis-sentenza taghha, qisha fehmet li kien hemm kontestazzjoni dwar il-firma. Dik la l-prosekuzzjoni u l-anqas id-difiza ma dahlu fiha. Dak id-dokument juri prima facie li l-firma hija ta' AHUMA MABRUK u mhux ta' RAHUMA MABRUK, l-imharrek.

Ghal darb'ohra jigi sollevat il-fatt illi skont il-ligi, il-letter to prosecute ghandha tigi ffirmata mill-Kummissarju tal-VAT u ma jistax persuna ohra, allavolja tahdem fl-istess dipartiment, tassumi fuqha tali poteri. Il-letter to prosecute fid-dwana, fejn jidhol l-Avukat Generali u f'dawk l-oqsma fejn l-awtorizzazzjoni hija mehtiega biex jinbdew proceduri, trid tigi ffirmata minn dik il-persuna illi tigi ndikata bhala illi ghandha tali awtorita. Il-kap ta' dipartiment, jekk ma taghtihx il-poter ta' delega l-ligi, ma jistax jiddelega. Barra minn hekk, jekk xi hadd jigi delegat ghal tali

skop, dan irid jigi gazetted ghaliex kull Qorti trid tkun sodisfatta illi hemm tali delega. Tali delega wkoll trid tirrizulta bil-miktub ghaliex l-atti governattivi m'humiex bil-fomm. F'dan il-kaz, accidentalment iffirma certu Paul Scicluna li huwa risaput illi fil-mument li qed issir il-kawza sahansitra kien sospiz mid-doveri tieghu. Ghalhekk il-letter to prosecute ma kinitx regolari, u l-proceduri huma nulli.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qalet, u dan huwa certament legalment u kostituzzjonalment zbaljat, illi l-imputat ghandu obbligu li jipprova dak li jallega. Bir-rispett kollu, il-Kostituzzjoni taghna taghmilha cara li huma f'kazijiet specifici biss fejn il-Qorti tinverti l-oneru tal-prova li l-imputat ghandu obbligu li jiddeponi. Dak illi jghid l-avukat, specjalment bhal ma kien f'dan il-kaz, kien qieghed jattakka l-pozizzjoni legali li kienet qed tassumi l-prosekuzzjoni. Kien qed jigbed l-attenzjoni ghad-diskrepanza li kien hemm bejn l-isem tal-imputat u l-parti fejn, fuq in-naha ta' wara tal-istess dokument, fejn l-isem huwa Ahuma Mabruk u mhux Rahuma Mabruk. Dak id-dokument kellu obbligu li jivverifikah u jarah illi jkun sewwa, huwa l-istess dipartiment. Dak illi qal l-avukat difensur kien illi l-prova dokumentali tad-dipartiment kien fiha diskrepanzi u zbalji manifesti li kif inhija t-tahrika, l-akkuza kienet illi hu ma kellux cash register fiskali. ... kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.  Il-kotba huma alternattiva ghall-cash register. Dak li jinghad bil-kliem "kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa ... " huwa li hadd ma jista' jkollu cash register illi ma jkunx minn dawk specifikati u approvati mid-dipartiment. L-ispettur tal-VAT sab cash register bhal dak. Mhux minnu li sar bejgh u ma giex registrat. Kieku l-akkuza kellha tkun differenti u cioe' li kien hemm taxxa perikolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li fuq id-dikjarazzjoni ghall-applikazzjoni ghar-registrazzjoni dwar il-VAT hemm zewg ismijiet differenti u l-isem tal-persuna ma huwiex

identiku ghal dak ta' l-appellant. Fill-fatt fid-dettalji li jindikaw l-applikant hemm miktub l-isem MABRUK RAHUMA. Fl-istess formula fil-post li hu indkat bhala 'dikjarazzjoni', id-dikjarazzjoni hi maghmula minn MABRUK AHUMA. F'dan il-kaz jidher li hemm diskrepanza fl-ismijiet. Il-problema kien ikun ta' facile spedizione kieku fid-dikjarazzjoni fejn khemm miktub karat ta' l-identita' kien hemm in-numru ta' din il-persuna. Sfortunatament, ma hemm ebda karta ta' l-identita' ndikata u ghalhekk hemm il-dubju ta' l-isem.

Illi l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tindika li l-post tan-negozju jinsab Hal-Luqa. Skont ic-citazzjoni l-kaz gara gewwa l-'Al Pacino Take Away' li jinsab fi Triq Wilga, Paceville. Fid-dikjarazzjoni ma jirrizulta min imkien l-indirizz ta' Paceville. Li jirrizulta hu li l-persuna registrata, hi min hi, hi hawker u part-time tile layer.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fil-meritu tal-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Rahuma Mabruk, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imsemmi Rahuma Mabruk minn kull htija u piena.